DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/673

tal-21 ta' April 2021

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Green Garden Roof Tops" (Bjut b'Ġonna Ekoloġiċi)

(notifikata bid-dokument C(2021) 2750)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Tressqet talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Green Garden Roof Tops" lill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2021.

(2) L-għanijiet tal-inizjattiva huma espressi kif ġej: "Fl-Ewropa hemm ħafna ħwienet eżistenti li għandhom bejt vojt; fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn il-bjut mhumiex qed jintużaw għal xi skop speċifiku. Barra minn hekk, dawn il-bjut huma mimlija plastik u ġebel, materjali li minnhom huwa magħmul is-saqaf. Għalhekk, dawn iż-żoni fihom infushom mhux qed jikkontribwixxu għall-benefiċċji tal-ambjent, iżda sempliċiment qed iżidu l-ħsara ambjentali. Ir-raġuni għall-iffukar fuq il-benefiċċji ambjentali qed toħroġ mill-kriżi ambjentali attwali tagħna. Jeħtieġ li naħsbu mill-ġdid u nsibu modi kif inżidu l-għarfien tal-problemi ambjentali u kif inġibu s-soċjetà tagħna, l-ekonomija u l-protezzjoni tal-pjaneta tagħna f'bilanċ tajjeb. Għalhekk, il-qalba tal-pjan hija li jintużaw l-ispazji eżistenti li jinsabu fuq il-bjut. L-idea hija li fuq il-bjut ta' korporazzjonijiet differenti tinħoloq żona ta' ġnien ekoloġiku. B'dan il-mod il-bjut li ma jintużawx jistgħu jiġu trasformati f'mezzi li jistgħu jtejbu u jgħinu l-kriżi ambjentali."

(3) Dokument ta' sfond jipprovdi aktar dettalji dwar l-inizjattiva. B'mod partikolari, l-inizjattiva tipproponi li l-impjegati tal-korporazzjonijiet jistgħu jagħmlu volontarjat biex jieħdu sehem fil-manutenzjoni tal-ġonna fuq il-bjut u l-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu lill-kumpaniji biex jieħdu sehem attiv fil-proġetti billi jipprovdu krediti tat-taxxa fl-aħħar ta' kull sena fiskali. L-Anness jelenka wkoll il-benefiċċji perċepiti għall-ambjent u l-korporazzjonijiet infushom. Il-ġonna fuq il-bjut (1) jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-arja; (2) jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; (3) iwasslu għal iffrankar tal-enerġija; (4) itejbu l-filtrazzjoni u ż-żamma tal-ilma u (5) jikkontribwixxu għall-ħabitats tal-organiżmi selvaġġi. Il-korporazzjonijiet ikkonċernati jibbenefikaw f'termini ta' kontribuzzjoni għal reputazzjoni tajba, persunal motivat u benefiċċji tat-taxxa.

(4) L-organizzaturi ma jistednux b'mod espliċitu lill-Kummissjoni biex tadotta att legali speċifiku, iżda l-att previst jista' jiġi inferit minn uħud mill-bażijiet legali proposti għall-azzjoni. Mill-għanijiet, moqrija flimkien mal-anness, jista' jiġi konkluż li l-inizjattiva qed titlob l-adozzjoni ta' proposta għal att legali li tkun issegwi għan ambjentali b'komponent tat-tassazzjoni. Il-kontribuzzjoni volontarja tal-ħaddiema tidher li hija anċillari għall-għan ambjentali.

(5) Sa fejn l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi l-ħolqien ta' bjut ekoloġiċi b'inċentivi finanzjarji possibbli mill-Unjoni jew miżuri ta' natura fiskali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att legali skont l-Artikolu 192 tat-Trattat.

(6) Sa fejn l-inizjattiva proposta għandha l-għan li tippromwovi l-krediti tat-taxxa jew tnaqqis mit-taxxa fuq l-introjtu li għandhom jingħataw mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att legali skont l-Artikolu 115 tat-Trattat.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

(7) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

(8) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3), ta' dak ir-Regolament.

(9) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(10) L-inizjattiva intitolata "Green Garden Roof Tops" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Green Garden Roof Tops" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Green Garden Roof Tops", irrappreżentata mis-Sinjura Almog Yoana SADE u s-Sur Negev Raphael SADE li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President